MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 443/2008

Kawza fil-lista: 23

**A B C**
**vs**
**D E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponent u l-intimat, it-tnejn ta' nazzjonEta Somala, zzewgu f' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005), gewwa Tripoli, il-Libja, u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

2. Illi l-partijiet ilhom jghixu f' Malta mis-sena elfejn u sitta (2006), u t-tnejn li huma nghatghu protezzjoni

umanitarja, mill-Kummissjoni ghar-Refugjati, ai termini ta' Art. 8(7) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament ta' l-istess intimat, kif jista' jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

4. Illi l-intimat rrenda ruhu hati lejn ir-rikorrenti ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi;

5. Illi l-partijiet ilhom separati de facto mis-sena elfejn u sebgha (2007) u anki gabu divorzju f' April tas-sena elfejn u tmienja (2008), skond ir-rit Musulman, mill-Islamic Centre, Malta (Dok. A), pero' dan id-divorzju ma jistax jigi registrat mar-Registru Pubbliku ai termini tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi kull tentattiv ta' rikonciljazzjoni u medjazzjoni falla u r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprocedi b' kawza ghas-separazzjoni personE permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Novembru 2008 bin-numru 613/2008 (digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. B);

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personE bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimat u senjatament sevizzi, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti, u in subordine ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tiffissa retta Ementari adegwata ghar-rikorrenti minn zewgha l-intimat.

3. Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-intimat zewgha;

4. Tillikwida u tiddikjara xolt il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f' dawk il-proporzjon u b' dawk il-modEtajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.

6. Tawtorizza lir-rikorrent tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personE minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjE ghas-separazzjoni.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett, u in parti wkoll konfermat bi prova dokumentE, li l-partijiet, cittadini SomE, kienu zzewwgu fil-Libya f' Jannar 2005; u sussegwentement fis-sena 2006 gew Malta bhala mmigranti rregolari, u gew akkomodati f' wiehed mic-centri ta' detenzjoni. Eventwalment inghataw protezzjoni umanitarja mill-Kummissjoni ghar-Refugjati.

Illi l-attrici tispjega li meta huma kienu qed jghixu Malta, zewgha kien ikun vjolenti maghha fuq bazi ripetut,u tghid li, ghalhekk ma kellhiex xelta ohra, hlief li tissepara minn mieghu. Konsegwentement hija kienet gabet id-divorzju

bir-rit muzulman fis-26 ta' April 2008 skond certifikat mahrug mic-Centru Islamiku f' Malta; izda dana ma setax jigi registrat f' Malta, u ghalhekk l-attrici ghamlet din il-kawza, biex tigi awtorizzata bil-ligi maltija tghix separatament minn mal-konvenut.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**
Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza s-sevizzi fit-termini ta' l-artikolu precitat, kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici, u ghalhekk it-talbiet taghha huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmerita li jigu milqugha, hlief ghat-talba numri tnejn [2], stante li ma ngabux provi fir-rigward, kif lanqas ingabu provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personE bejn il-partijiet, tort unikament tal-konvenut;
[2] tichad it-tieni talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[3] tilqa' it-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' talba;
[5] tichad il-hames talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;
[6] tilqa' s-sitt talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------